MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 1190/2005

Bank of Valletta p.l.c.
vs
Bernard u Maria Dolores mizzewgin Scerri

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-bank attur li biha ppremetta:

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt datat 22 ta' Novembru 1999 (Dok "A"), in atti Nutar Dottor Charles Vella Zarb u s-*Sanction Letter* datata 12 ta' Novembru 2004 (Dok. "B"), is-socjeta` attrici kienet ikkoncediet facilita` bankarja lill-konvenuti Bernard u Maria Dolores mizzewgin Scerri.

Illi s-socjeta` attrici kienet tinsab kreditrici tal-konvenuti Bernard u Maria Dolores mizzewgin Scerri fis-somma ta' hdax-il elf, erba' mija u tmien Liri Maltin u tmenin centezmu (Lm11,408.80) bilanc ghad-debitu fil-"Loan

Accounts” ta’ Bernard u Maria Dolores mizzewgin Scerri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “C”, u “D1” sa “D4”) flimkien mal-imghax ulterjuri mit-28 ta’ Novembru 2005 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Illi kienu sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fis-Sanction Letter fuq imsemmija (esebiti mac-citazzjoni bhala Dokumenti “A” u “B”) partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Bernard u Maria Dolores mizzewgin Scerri (a) kienu naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` attrici kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u sanction letter, u (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u sanction letter sopraindikati, u/jew (c) kien hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenuti Bernard u Maria Dolores mizzewgin Scerri li kienu jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici u b’hekk il-konvenuti kienu ddekadew mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu kien sar dovut fl-intier tieghu f’daqqa.

Illi l-konvenuti kienu gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata 8 ta’ Marzu, 2005 li kopja taghha giet prezentata mac-citazzjoni u mmarkata Dok “E”, sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn kienu baqghu inadampjenti.

Il-bank attur talab lill-Qorti:

(1) Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fis-*Sanction Letter* fuq imsemmija (esebiti mac-citazzjoni bhala Dokument “A” u “B”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Bernard u Maria Dolores mizzewgin Scerri (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` attrici kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u *sanction letter,* (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u *sanction letter* sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenuti Bernard u Maria Dolores mizzewgin Scerri li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

(2) Tikkundanna lil Bernard u Maria Dolores mizzewgin Scerri jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' hdax-il elf, erba' mija u tmien Liri Maltin u tmenin centezmu (Lm11,408.80) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Bernard u Maria Dolores mizzewgin Scerri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C" u "D1" sa "D4") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-28 ta' Novembru 2005 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 8 ta' Marzu 2005 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li gew prezentati kontestwalment mac-citazzjoni kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-attur.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat in-nota tal-konvenuti tas-27 ta' Settembru, 2006 li biha ammettew it-talbiet dedotti fic-citazzjoni.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq ammissjoni t-talbiet attrici jidhru gustifikati u l-Qorti qed tilqaghhom fis-sens li tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fis-***Sanction Letter*** fuq imsemmija partikolarment imma mhux esklussivament, billi Bernard u Maria Dolores mizzewgin Scerri (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` attrici kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u ***sanction letter***, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u ***sanction letter*** sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti Bernard u Maria Dolores mizzewgin Scerri li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-

possibilita` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

Tikkundanna lil Bernard u Maria Dolores mizzewgin Scerri jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ hdax-il elf, erba’ mija u tmien Liri Maltin u tmenin centezmu (Lm11,408.80) bilanc ghad-debitu fil-“***Loan Accounts***” ta’ Bernard u Maria Dolores mizzewgin Scerri mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mit-28 ta’ Novembru 2005 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 8 ta’ Marzu 2005 u tal-Mandati ta’ Sekwestru u ta’ Qbid kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------